MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 59/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles Azzopardi talli fis-27 ta’ Lulju 2002 ghall-habta ta’ nofs in-nhar kif ukoll fil- jiem ta’ qabel din id-data f’St. Mary fireworks factory li tinsab fi Triq Ghar Dalam l/o ta’ Hal-Ghaxaq, bhala persuna responsabbli mill-kamra tan-nar ta’ Santa Marija, Ghaxaq u li ggorr Lic A u li f’ismu ghandu l-licenzja ta’ l-istess kamra tan-nar ippermetta lil Marlon Abdilla miz-Zejtun biex jahdem loghob tan-nar fil-parametri ta’ l-istess fabbrika meta huwa kien fid-dover li ma jhallix dan isir.

Il-prosekuzzjoni talbet li, f'kaz ta' htija, ikun hemm is-sospensjoni tal-licenzja a tenur ta' l-artikolu 27 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta u jigi ordnat ihallas l-ispejjez li jkollhoim x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Frar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Charles Azzopardi hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 3, 4, 6, 7 u 27 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannatu sabiex ihallas multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200), li ghandha tithallas fi zmien erba' xhur, b'rati mensili ta' hamsin liri Maltin (Lm50) fix-xahar, waqt li ssospendiet il-licenzja ta' l-imsemmi Charles Azzopardi ghal zmien xahrejn;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Charles Azzopardi pprezentat fil-15 ta' Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma, tvarja u tbiddel is-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn sabitu hati skond l-akkuza, tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha gie kkundannat ihallas multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200) liema somma ghandha tithallas f'erba' xhur, b'rati mensili ta' hamsin liri Maltin (Lm50) fix-xahar, waqt li tissospendi l-licenzja tieghu ghal zmien xahrejn, u konsegwentement tbiddel il-piena inflitta ghal wahda aktar ljevi u dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidrilha xieraq u opportuni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa dwar il-piena li l-appellant iqis bhala wahda eccessiva in vista tal-fedina penali nadifa tieghu, tal-fatt li ghandu jitqies bhala *first time offender* u li fil-mori tal-kawza nharget il-licenzja f'isem Marlon Abdilla.

Issa, in materja ta' piena l-principipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

F’dan il-kaz m’hemmx dubju li l-piena nflitta taqa’ fil-parametri tal-ligi kif jammetti l-appellant stess. L-artikolu 27 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-fatt jipprovdi ghal piena ta’ “prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta’ mhux anqas minn ghoxrin lira u mhux izjed minn mitejn lira, jew ghal dik il-prigunerija u multa flimkien.”

Issa, fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant jghid illi huwa kien dejjem taht l-impressjoni li Marlon Abdilla kellu l-licenzja mehtiega biex jimmanifattura n-nar. Jidher li dan l-argument ingab ukoll quddiem l-ewwel Qorti li, korrettement, skartatu meta qalet li l-appellant (allura imputat) “kien obbligat skond il-ligi jivverifika l-licenzja ta’ Marlon Abdilla u mhux iserrah fuq impressjoni.”

Issa, meta l-ewwel Qorti ghaddiet biex tikkunsidra l-piena, hija hadet in konsiderazzjoni l-fatt li Marlon Abdilla llum kiseb il-licenzja mehtiega skond il-ligi. Dak li forsi setghet hadet in konsiderazzjoni wkoll l-ewwel Qorti huwa li l-appellant ghandu fedina penali ghal kollox netta. Barra minn hekk, kif jirrizulta mir-relazzjoni ta’ l-espert tekniku l-Kurunell Albert Camilleri, l-appellant, li kien qieghed jaghmel sorveljanza tax-xoghol kollu li kien qed isir fil-fabbrika, ghandu taghrif teoretiku u prattiku profond fl-arti piroteknika, kif ukoll esperjenza kbira akkwistata matul ghexieren ta’ snin u “x-xoghol li kien qed jaghmel Abdilla kien qed ikun sorveljat minnu kontinwament biex ikun accertat li x-xoghol kien qed isir kif titlob l-arti piroteknika u li ma jkunx hemm xi traskuragni”. Inoltre, kif jirrizulta mill-istess relazzjoni, l-ispluzjoni, li kienet wahda tat-tip *deflagration*, “kienet inizjata accidentalment minn *friction* li

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

serva ta’ *ignition* waqt li Marlon Abdilla kien qed jikkarga l-funtani”, u mhux, ghalhekk, ghal xi nuqqas attribwibbli lill-appellant. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, ma tarax li hemm lok li l-licenzja ta’ l-appellant ghandha tkun sospiza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ssospendiet il-licenzja ta’ l-appellant ghal zmien xahrejn u tikkonfermaha fil-kumplament b’dan li t-terminu ta’ erba’ xhur ghall-pagament tar-rati mensili ta’ Lm50 il-wiehed jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------